# Q O R T I  Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum 12 ta' Diċembru 2018**

**Rikors Guramentat Nru.  167/2015  RGM**

**Kawza fil-lista:  3**

**A C**

**Vs**

**B D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppermettiet u tallbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003), kif jirrizulta mic-certifikat ta' zwieg anness **(Dok A)** minn liema zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva, taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

3. Illi fost ohrajn, izda mhux limitatament, dak hawn fuq premess hu naxxenti mill-fatt li mentri l-esponenti b'rieda tajba u genwina kienet accettat li tizzewweg lill-konvenut, (ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw matul il-mori ta' dawn il-proceduri), wara li l-istess konvenut kien gie Malta minn Nigeria unikament bis-sahha tal-esponenti (anki jekk dan gie letteralment b'ta fuqu senduqu), l-intimat eventwalment wera, bl-atteggjament tieghu u dak kollu li ghamel matul il-hajja suppost mizzewga minn sa ftit wara li kien gie ccelebrat iz-zwieg, li l-iskopjiet unici u veri tieghu li mmotivawh sabiex jizzewweg lill-esponenti kienu sabiex ikun jista' jibqa' Malta u b'hekk jevita milli jintbaghat lura lejn pajjizu n-Nigeria, jew lejn l-India, kif ukoll ghal skopjiet finanzjarji favurih u terzi u sabiex igawdi minn opportunitajiet ohra li huwa seta' jgawdihom biss unikament bis-sahha taz-zwieg mal-esponenti, kif ser jigi ampjament muri wkoll matul il-mori ta' din il-kawza. Min-naha taghha l-esponenti kienet izzewget lill-esponent l-aktar ghax thassritu fil-waqt li emmnet fil-genwinita` tieghu (li eventwalment ma rrizultatx), fil-waqt li fl-istess waqt hija kienet ghamlitha cara li ma riditx tfal peress li hija kien diga kellha tifel imwieled minn zwieg precedenti li kien ukoll spicca annullat (kif ser jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza);

4. Illi dan kollu hawn fuq spjegat, referibbli ghall-attegjament muri mill-konvenut wara li gie celebrat iz-zwieg (meta mqabbel ma kif dan kien gab ruhu lejha qabel) iwassal ukoll lill-esponenti li temmen illi l-kunsens taghha nkiseb ukoll b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga propju ghaliex kif ghandu jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza, il-konvenut wera wicc b'iehor lill-esponenti qabel ma dawn izzewgu, kif jista' jirrizulta ampjament matul il-mori ta' dawn il-proceduri;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jirrizulta illi jekk din l-Onorabbli Qorti ma tqisx li l-konvenut kien ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew jekk tikkonsidra wkoll li l-kunsens ma nkisibx b'qerq ta' xi kwalita` tal-konvenut kif hawn fuq spjegat, ghandu jirrizulta li l-kunsens tal-partijiet, b'mod partikolari dak tal-konvenut, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li ghamilha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini tal-artikolu 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat fis-17 ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u tawtorizzaha li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Sammut.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra hekk kif gej:

## A. ECCEZZJONIJIET

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi r-ragunijiet ta' nullita` taz-zwieg migjuba mill-attrici jeskludu lil xulxin u ghalhekk ma jistghux jigu invokati flimkien;

2. Illi kemm-il darba t-talbiet rikorrenti jkunu milqugha, ir-ragunijiet ghal tali dikjarazzjoni ta’ nullita` huma imputabbli esklussivament lir-rikorrenti;

3. Illi in kwantu t-talba hija bbazata fuq allegazzjoni ta’ tortijiet attribwibbli lill-eccipjent, dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi huwa minnu pero li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, izda l-konvenut ma jaccettax illi t-tkissir ta’ dan iz-zwieg jigi attribwit lilu;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**B. DIKJARAZZJONI**

Il-konvenut jikkonferma l-fatti hawn kontenuti:

1. Illi l-partijiet izzewgu b’rit civili;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twildux tfal;

**3.** Illi z-zwieg tal-attrici mal-konvenut kien it-tieni wiehed taghha, wara li z-zwieg precedenti taghha falla u kisbet l-annullament;

Rat l-atti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**PROVI TAL-ATTRICI.**

L-attrici xhedet bil-mezz ta' affidavit.[1] Tghid illi ilha separata de facto mill-konvenut sa mis-sena 2009 meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. Wara li kienu iltaqghu xi sena qabel huma zzewgu fis-17 ta' Lulju 2003. Kienet saret tafu minn fuq l-internet permezz ta' chatting. Saret taf li kien min-Nigerja u qalla li kien l-Indja jistudja. Dak iz-zmien l-attrici kellha 34 sena filwaqt li l-konvenut kellu 33 sena. L-attrici kienet gia' ghaddiet minn process ta' separazzjoni u annullament tal-ewwel zwieg taghha minn liema kellha wild. Il-konvenut kien jirrakkontalha li kien l-Indja jistudja l-computer u li kien imdejjaq hafna ghaliex ma kellux xoghol u kellu hajja difficli hafna. Beda jitlobha li jigi Malta halli jsiru jafu lil xulxin u sabiex jehles mit-tbatija li kien fiha ghaliex kien jghidilha li lanqas x'jiekol ma kellu. Eventwalment beda jitlobha li jigi Malta halli jibnu familja flimkien. Tghid li fl-ahhar ikkonvinciha u bdiet tithabat sabiex iggiblu l-visa. Irnexxielha tottjena l-visa ghalih ghal zmien xahar u bghatitlu l-flus halli jaqta passagg bl-ajru.

Il-konvenut wasal Malta fit-28 ta' Jannar 2003 .Mill-ewwel li gie Malta beda joqghod ghandha u mat-tifel taghha. Bdew jaghmlu kollox flimkien u kien ikun maghha kull fejn tmur inkluz fil-hanut li kienet tiggestixxi. Kien igib ruhu sew maghha kif ukoll ma' binha. Il-visa tieghu giet imgedda diversi drabi. Fl-ahhar gie moghti deadline sabiex jitlaq minn Malta. Minn hemm beda jsemmilha x-xewqa tieghu li jizzewgu. Tghid hekk: "Jien ovvjament bzajt li naghmel dan il-pass li nizzewweg ghal hafna ragunijiet - kemm ghax ma kontx nafu bizzejjed kif ukoll ghaliex ma kelli l-ebda bzonn li nizzewweg. Fl-istess hin pero' kont irbatt qalbi mieghu u ma ridtx narah jitlaq. Ghadda ftit aktar zmien u accettajt li nizzewgu bir-registru kif fil-fatt sar fis-17 ta' Lulju 2003."

[1] Fol. 18

"Meta B gie hawn Malta, ghalija personalment kienu sitt xhur flimkien f'perjodu sabieh qabel ma zzewwigna.  Pero' fil-mument li gejna biex nizzewgu, nistqarr li min-naha tieghi ma kienx hemm dik l-imhabba li wiehed jimmagina li ghandu jkun hemm meta wiehed jigi biex jizzewweg.  Hsibt pero' li ladarba kont nizzewweg, biz-zmien, B kien isir persuna li jien stajt nemmen, nafda, nhobb u nibni familja, peress li sa dak iz-zmien ma kelli xejn xi ngerger fuqu."  Pero' tghid li ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tfal minn dan iz-zwieg.

Tghid li kienet ghamlet principalment dan il-pass mhux ghaliex kienet thobbu izda ghaliex kienet tithassru.  Kienet temmen ukoll li l-konvenut kien ihobbha.

Gara izda li wara li zzewgu l-konvenut inbidel.  Beda jkun hafna fuq it-telephone ma' persuna li maghhom jitkellem bil-lingwa tieghu u b'hekk ma kentix tkun taf x'inhu jinghad.  Il-konvenut ried jibghat xi flus lejn pajjizu.  L-attrici li din kienet ser tkun okkazzjoni mhux frekwenti u ta' ftit flus izda eventwalmewnt skopriet illi beda jibghat somom sostanzjali ta' flus li xi hadd f'Mumbai fl-India u f' Lagos in-Nigeria.  Skopriet ukoll li gibed somom sostanzjali ta' flus minn mill-kontijiet bankarji taghha peress li kieent taghtu wkoll il-password tal-internet banking taghha minhabba li kellha tigi rikoverata l-isptar urgentement.  Tghid li sa sena wara li zzewgu il-konvenut kien inbidel kompletament minn dak li kien qabel izzewgu.  Dan l-attegjament tieghu baqa sejjer ghal ghar sakemm fis-sena 2008 beda jinjora lill-attrici ghal kollox.

Skopriet li l-konvenut kienet fuq medda ta' zmien baghat diversi somom ta' flus fl-esteru, uhud minn dawn is-somom kienu ta' eluf ta' ewro.

Fis-sena 2009 il-konvenut ried japplika ghac-cittadinanza Maltija u l-attrici iffirmatlu l-applikazzjoni.  Appena applika ghac-cittadinanza huwa abbanduna

d-dar matrimonjali. L-attrici ghamlet rapport dwar dan fid-dipartiment tal-visa u fid-dipartiment tac-cittadinanza.

L-attrici resqet bhala xhud rapprezentant ta' CRV Financial Services li huma agenti ta' Western Union Money Transfers. Xhed hekk: "I was asked to carry out a search regarding B C from the year 2006 from the 4th December up to the 9th April 2013. From the search it resulted that Mr B C sent a total of sixty nine (69) transactions to different persons in different counries mainly in Nigeria and India for the total sum of eighteen thousand, one hundred and eighty seven euros and thirty three cents from January 2008 till the 30th March 2012. And a seven thousand five hundred and forty two Maltes liri and fiftyu six cents from the 31st October 2003 to the 18th December 2007."

**PROVI TAL-KONVENUT.**

**Il-konvenut B D C** xhed bil-mezz ta' affidavit.[2] Jispjega li hu u l-attrici bdew jikkoabitaw f'Jannar 2003 u izzewgu fis-17 ta' Gunju 2003. Jispjega illi qabel ma zzewgu l-attrici kienet tiggestixxi confectionary f'Hal Qormi u d-dhul taghha kien minimu. L-attrici kienet qaltlu sabiex jipposponi d-dhul tieghu l-universita' sabiex jikkoncentraw fuq li jibnu negozju flimkien. Bdew jahdmu flimkien fil-hanut. Wara li zzewgu l-attrici qaltlu li kienet qed tbati minn slip disc li kellha qabel iz-zwie u li kellha tigi sottoposta ghall-intervent kirurgiku. Damet rikoverata ghal diversi xhur u f'dak iz-zmien il-konvenut kien qed jiggestixxi wahdu l-hanut.

In-negozju beda jikber u jghid li t-turnover zdiedet bi 300%. Jghid li ottjenew facilitajiet bankarji mill-Bank of Valletta, kabru il-hanut u ffurmaw kumpanija bl-isem The Pathfinders Co Ltd. Peress li n-negozju kiber hadu facilita' bankarja minghand HSBC Bank fl-ammon ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000)

[2] Fol. 223

u fethu hanut iehor f'San Pawl il-Bahar. Bdew jimportaw il-merkanzija direttament mill-Germanja, mill-Awstrija u mill-Italja. Matul dan iz-zmien kollu l-konvenut jispjega illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba hafna.

Jghid illi lit-tifel li l-attrici kellha minn zwieg precedenti kien jitrattah qisu ibnu. Kien jghinu fil-homework specjalment fil-lingwa Ingliza, fil-matematika kif ukoll fil-fizika. Iben il-partijiet spicca l-iskola sekondarja fis-sena skolastika 2006/2007. F'dak iz-zmien il-konvenut kien qed jippjana illi jibghat lil hutu izghar minnu sabiex jistudjaw l-informatika gewwa l-India u kemm hu kif ukoll l-attrici qablu illi iben l-attrici imur jistudja l-informatika fl-India wkoll.

Jghid illi il-partijiet flimkien ma' iben l-attrici ivjaggaw flimkien f'diversi pajjizi inkluz il-Germanja, l-Awstrija, l-Italja, Dubai u anke l-India u kienu qed jghixu hajja matrimonjali felici.

Jghid illi fis-sena 2003 huwa gie accettat sabiex jibda jattendi Lethbridge Community College, il-Kanada sabiex isegwi course fl-Informatika peress li kien ottjena 'distinction' fl-aptitude test tal-kullegg. Jghid illi l-attrici qed tirrifjuta li tatih il-kwalifici li huwa ghandu inkluz National Diploma in Electrical/Electronic Eng. Minn Yaba College of Technology gewwa Lagos in-Nigerja kif ukoll ittra ta' ammissjoni ghall-Universita' ta' Malta u ittra mill-Ministeru li gie ezentat mill-fees tal-universita'. Ghalkemm huwa xtaq li jkompli l-istudji tieghu l-attrici kienet tinsisti mieghu sabiex jipposponi d-dhul tieghu fl-universita'. Fl-ahhar fis-sena 2009 hija accettat li huwa jidhol ghal kors universitarju gewwa l-Universita' ta' Malta. F'dak iz-zmien il-partijiet kienu qablu sabiex ibieghu in-negozju li kellhom gewwa San Pawl il-bahar ghas-somma ta' Lm100,000 sabiex jissaldaw kwalunkwe facilita' bankarja li kellhom, huwa jkun jista' jkompli jistudja u l-attrici s-sahha in-negozju minnha gestiet fil-hanut l-iehor. Jghid illi kien irnexxielu jsib persuna li kienet lesta thallas Lm80m000 izda l-attrici irrifjutat. Wara li z-zwieg tkisser huwa gab zewg akwirenti prospettivi izda martu irrifjutat ukoll.

Jghid illi fis-sena 2008 il-partijiet u iben l-attrici vjaggaw lejn in-Nigeria fejn iddecidew illi jinvestu hemmhekk fi proprjeta' immobiljari. Spjega illi huma kienu baghtu flus f'diversi okkazzjonijiet sabiex tigi akwistat art. Sjega wkoll illi huwa baghat flus in-Nigria lill-genituri tieghu peress li m'ghandhomx servizzi socjali bhalma hawn Malta. Dan kollu sar bil-kunsens tal-attrici.

Jghid li l-inkwiet bejniethom beda meta f'Settembru 2009 huwa beda jattendi kors universitarju. L-attrici bdiet tilmenta li kienet frustrata li l-konvenut kien qed imur l-Universita' filwaqt li hi baqghet fil-hanut. Jghid li f'dak iz-zmien kien iqum kmieni sabiex jiftah il-hanut f'Hal Qormi, imur San Pawl il-Bahar u jiftah il-hanut sakemm jasal il-kaxxier imbaghad jibqa' sejjer l-universita'.

F'Dicembru 2009 kellhom argument. Il-konvenut xhed illi l-attrici keccietu mid-dar. Huwa mar ghal xi zmien jorqod fil-hanut izda ftit jiem wara l-attrici marret u bdiet tippakja l-affarijiet tieghu mill-hanut waqt li huwa kien l-universita'. Kienet qalet lill-kaxxiera tal-hanut f'San Pawl il-Bahar sabiex ma tmurx ghax-xoghol aktar u kienet qed tkun vjolenti mal-konvenut. Jispjega l-incidenti li kellhom sussegwentment.

Wara li l-hanut f'San Pawl il-Bahar inghalaq huwa fittex impieg bhala konduttur mat-trasport pubbliku u kompla bl-istudji tieghu barra l-univesrita'.

Fis-sena 2014 l-attrici ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq is-salarju u b'hekk ma kienx aktar possibbli ghalih li jkompli jonora l-obbligazzjonijiet finanzjarji li kellu mal-bank.

Jghid illi nonostante dak kollu li inholoq bejniethom, huwa xorta ghadu jhobb lill-attrici.

Il-konvenut rega' xhed bil-mezz ta' affidavit iehor.[3] Kif ukoll xhed in kontro ezami.[4]

Xhedet **Dr Charlene Zammit, in rapprezentanza tad-Dipartiment tac-Cittadinanza,** prodotta mill-attrici.[5] Iddikjarat illi d-dipartiment irceva applikazzjoni minghand il-konvenut fil-25 ta' Frar 2009 fejn talab li jigi registrat bhala cittadin Maltin in segwitu ghaz-zwieg tieghu mal-attrici sitt snin qabel. Fit-23 ta' Gunju 2010 l-attrici bghatet ittra lid-dipartiment fejn informathom illi l-partijiet kienu ilhom de facto separati sitt xhur. Fil-file relattiv hemm ukolll dikjarazzjoni kongunta maghmula mill-partijiet fejn iz-zewg partijiet iddikjaraw li kienu zzewgu lil xulxin fis-17 ta' Gunju 2003 u li minn dak iz-zmien kienu qed jghixu flimkien.

Meta d-dipartiment sar jaf b'din l-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-konvenut ghac-cittadinanza giet sospiza, Gialadarba d-dipartiment gie informat illi l-partijiet m'ghadhomx jghixu flimkien gie kancellat 'l-exempt person status' tal-konvenut b'dan illi l-konvenut tilef id-dritt tal-'freedom of movement' gewwa Malta. Spjegat illi 'exempt person status' jaghti d-dritt tal-liberta' li wiehed jirrisjedi u jahdem gewwa Malta minghajr il-htiega ta' permessi ulterjuri u dan peress li dak li jkun ikun mizzewweg lil cittadin Maltin. Fil-mument il-konvenut qed jirrisjedi Malta b'permess tax-xoghol.

Xhedet **WPS 32 Joyce Bonello**, prodotta mill-attrici.[6] Spjegat li hi stazzjonata l-**Ufficju Centrali tal-Immigrazzjoni** u kkonfermat li l-konvenut gie Malta fit-28 ta' Jannar 2003 fuq il-bazi li kien gia' f'relazzjoni mal-attrici. Kien hemm ukoll ittra tal-attrici fejn intalab li l-visa tal-konvenut tigi estiza. Fis-6 ta' Ottubru 2010 l-ufficju irceva ittra minghand l-attrici tinforma illi l-konvenut

[3] Fol. 304
[4] Fol. 311 u fol. 332
[5] Fol. 230
[6] Fol. 235

kien telaq mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2009, circa hmistax-il gurnata wara li l-partijiet kienu marru flimkien l-Ufficju Centrali tal-Immigrazzjoni in konnessjoni mal-applikazzjoni tieghu ghac-cittadinanza. Din l-ittra tinstab a fol. 170 tal-process. Xhedet illi l-attrici kellha fil-pussess taghha l-passaport tal-konvenut u dan ghaddithom lill-ufficju li min-naha taghhom ghaddewh lill-konvenut.

Xhed ukoll Joseph Mizzi prodott mill-attrici.[7] Xhed li fis-sena 2002/3 huwa kien Assitent Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza fejn spjega b'dettal il-procedura sabiex wiehed japplika u jakwista c-cittadinanza Maltija u kif proceduri ta' annullament taz-zwieg jistghu jinpingu fuq dik l-applikazzjoni.

Xhed **Mark Borg** prodott mill-attrici.[8] Spjega illi huwa iben l-attrici u li sar jaf ghall-ewwel darba lill-konvenut xi tlett xhur qabel it-tieg ta' bejn ommu u l-konvenut. Jiddeskrivi dak li sehh minn meta l-konvenut beda jirrisjedu fir-residenza tieghu u ta' ommu. Jghid li fil-bidu r-relazzjoni tieghu mal-konvenut kienet tajba hafna. Peress li kien prattikament trabba minghajr missier, beda jara fil-konvenut il-figura paterna. Kien ferhan hafna meta ommu qaltlu li kienet ser tizzewweg lill-konvenut. F'dak il-perijodu qasir ta' qabel it-tieg il-konvenut kien jghinu fil-homework peress li huwa dyslexic u kien ukoll jaqsam mieghu l-interess fil-basketball. Jghid li fl-ewwel tlett xhur wara t-tieg il-partijiet kienu juru affezzjoni lejn xulxin. X'hin infetah il-hanut f'San Pawl il-Bahar is-sitwazzjoni inbidlet radikalment. Il-partijiet ma baqghux aktar vicin xulxin u beda jkollhom hafna dizgwid fuq dak il-hanut. Il-konvenut waqaf ukoll milli jaghti l-attenzjoni lix-xhud fejn jidhol xoghol tal-iskola.

Spjega kif kien mar jistudja l-Indika flimkien ma' hut il-konvenut. Jghid illi meta kien gie Malta ghal vaganza ta' xhar induna li ma kien hemm l-ebda affezzjoni bejn ommu u l-konvenut u li r-relazzjoni taghhom kienet iddeterjorat

[7] Fol. 238
[8] Fol. 242

Spjega li mar lura l-India sabiex ikompli bl-istudji tieghu u dam hemm tlett snin u nofs.

Jghid li l-konvenut kien jibghat flus l-India biex jghin lilu u lill-hutu, ghalkemm jilmenta li l-ghajuna finanzjarja lil hut il-konvenut kienet tkun akbar. Huwa rritorna Malta meta kellu 21 sena u sab lill-ommu u lill-konvenut separati de facto u kienu inbdew il-proceduri bil-Qorti. Jghid li meta gie lura Malta is-sitwazzjoni finanzjarja ta' ommu kienet fi stat ta' falliment Spjega li ghalkemm sab li l-konvenut kien ghadu qed jiggestixxi l-hanut gewwa San pawl il-Bahar, huwa ma kien qed jikkontribwixxi xejn ghall-hlasijiet lura lill-bank tal-facilita' bankarja ta' self li l-partijiet kienu ghamlu. Spicca li x-xhud kellu jiehu self sabiex jixtri il-hanut u garaxx proprjeta' ta' ommu sabiex bil-flus ommu tkun tista' tissalda d-dejn li kellha mal-bank.

Xhed **Derek Camilleri in rapprezentanza tal-Expatriates Department** prodott mill-attrici.[9] Spjega li fis-sena 2013 l-konvenut applika ghall-permess sabiex jahdem mal-kumpanija Arriva. Fis-sena 2009 applika ghac-cittadinanza pero' sal-jum li fih xhed Derek Camilleri il-konvenut ma kienx inghata c-cittadinanza mitlunba.

Regghat xhedet l-attrici.[10]fejn ezebiet numru ta' bank statements biex turi li hi u binha kellhom jaghmlu tajjeb ghal dejn li akkumula l-konvenut matul iz-zwieg.

Xhedet **Irene Camilleri** prodotta mill-konvenut.[11] Kienet ghamlet zmien tahdem fil-hanut tal-partijiet gewwa San Pawl il-Bahar.Tghid li gieli rathom flimkien u sa fejn taf hi kienet tiehu l-impressjoni li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda tajba. Taf li fis-sena 2009 il-konvenut tkecca mid-dar

[9] Fol. 261
[10] Fol. 264
[11] Fol. 341

matrimonjali u beda jorqod fil-hanut. Hija spiccat tahdem hemm f'dik is-sena u ma tafx x'gara wara.

Xhed **Christopher Etim** prodott mill-konvneut.[12] Jghid li kien jaf lill-attrici l-ewwel peress li kien ghalliem tat-tifel taghha. Meta l-konvenut gie Malta ghall-ewwel darba l-attrici kienet introducietu mieghu. Jispjega illi l-partijiet kienu qeghdin jikkoabitaw qabel ma zzewgu u dan ghal madwar sena. Kien jghallem vicin il-hanut tal-attrici. Jghid hekk: "Up to this moment they were a role model. They were fantastic couple and a perfect couple. During the marriage also. It was difficult to say that there was something wrong between them.". Fis-sena 2009 l-attrici cemplitlu u qaltlu li l-ghada kienet sejra l-Qorti sabiex tibda l-proceduri ta' separazzjoni.

Xhed illi meta l-partijiet kienu sejrin l-India huma kienu qalulu bil-hsieb taghhom. Qal ukoll illi l-konvenut kien jghix mieghu u kien ilu jghix mieghu ghal madwar tlett snin.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-serjeta` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li telenka ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg

[12] Fol. 343

prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"[13]

In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[14]:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett... Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Finalment, fis-sentenza **Anna Tonna vs Alexander Tonna**[15], il-Qorti ta' l-Appell ghamlet dan l-insenjament:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-*

[13] **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 Jannar 2006.

[14] **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987.

[15] Deciza 6 Novembru 1991.

*iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

Ghalhekk, f'kull kaz, il-Qorti ghandha tgharbel il-provi u abbazi ta' dawk il-provi migjuba, tqis jekk jirrizultawx ragunijiet cari u serji li huma kontemplati mil-Ligi u li jwassluha ghall-konvinciment li z-zwieg huwa tassew invalidu.

Ikkunsidrat;

Ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attrici fir-Rikors promotur juri illi hija qed issejjes il-kawza minnha intavolta fuq tliet 'caput nullitatis' li l-**Artikolu 19 tal-Kap. 255** jipprovdi dwarhom. In tema legali, it-test tal-ligi rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attrici huwa s-segwenti:-

***"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-***

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

***omissis***

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(c)**

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna l-elementi mehtiega biex tigi ravvizata n-nullita` taht dan is-subinciz, li jridu jikkonkorru b'mod kumulattiv is-segwenti rekwiziti:-[16]

"*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*
*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et nomine** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, gew hekk elaborati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-*caput nullitatis*:-

[16] ***Mary Farrugia vs Joseph Farrugia***, decided by The First Hall, Civil Court, 13th March 1995

*"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*

*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*

*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*

*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*

*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*

*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*

*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali."*

In kwantu ghall-<u>kwalita</u>` ta' l-oggett tal-qerq – ghaliex mhijiex kull kwalita` tal-konjugi li tikkonfigura fit-termini ta' dan is-subinciz – il-kwalita` ghandha jkollha l-karatteristici li gew imfissrin fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg**[17]**:-**

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.-** *Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur, Montreal).*"

[17] Deciza mill-Prim' Awla fit-22 ta' Mejju 1995.

Fis-sentenza **Marica D'Amato vs Philip D'Amato**[18] gie ulterjorment ritenut illi:-

"*Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra" wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.*"

In kwantu ghall-element tal-qerq, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierina Micallef vs Bentanfous Amor**[19] il-qorti analizzat l-element tal-qerq fil-qafas partikolari tal-kunsens matrimonjali:-

*"Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)) ... "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`" (Vol. XXIV P II p 578)."*

Ikkunsidrat;

Ezaminati l-provi mressqa mill-attrici fil-kawza odjerna l-Qorti hi tal-fehma illi ma ngabet l-ebda prova li b'xi mod jista' jitqies illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici, referibilment ghas-sub inciz (1) (c) in dizamina, tirreferi ghall-eskluzzjoni li kienet ghamlet hi stess li miz-zwieg mal-konvenut ma jkolliex tfal ghar-raguni li gia' kellha

[18] Decided on 31st January 2003, First Hall, Civil Cout.
[19] Prim'Awla, 9 Dicembru 2002.

tifel minn zwieg precedenti li eventwalment gie annullat. Dan ma jikwalifikax bhala qerq apparti l-fatt li skond l-attrici hija stess kienet qalet lill-konvenut qabel izzewgu li ma riditx tfal minn dan iz-zwieg.

Ghal dawn il-motivi, iz-zwieg bejn il-partijiet ma jistax jitqies li huwa null abbazi tal-kawzali taht l-Artikolu 19(1)(c).

**Kontradittorjeta' fit-Talbiet Attrici.**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut jeccepixxi illi:-

***"1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi r-ragunijiet ta' nullita' taz-zwieg migjuba mill-attrici jeskludu lil xulxin u ghalhekk ma jistghux jigu invokati flimkien."***

Qabel xejn, peress illi l-attrici bbazat it-talba taghha ghan-nullita` taz-zwieg sew fuq is-subinciz (1)(f) kif ukoll fuq is-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, ghandu jinghad illi diversi drabi gie dikjarat mill-Qrati taghna illi kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa fuq is-subinciz (1)(f) u fl-istess waqt ukoll fuq is-subinciz (1)(d), ghandha titqies li tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita’ tal-att, pero` min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien inevitabbilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **Kenneth Cefai vs Louise Cefai**[20]:-

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza* ***Baldacchino v. Duan****, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:- "It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Il-Qorti ser titratta iz-zewg kawzali izda naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Nullita taht l-Artikolu 19(1)(d)**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Ikkunsidrat;

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***

*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*(3). Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja.*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[21], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

"*<u>fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali</u>, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita'*

[21] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2000.

*affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*" [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*.

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"

Ikkunsidrat;

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[22], inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta' *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita'*

[22] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003.

*affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*"

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[23] illi b'immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ghaliex f'kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti, ma jirrizultax li qabel iz-zwieg kien hemm sfond ta' diffikultajiet jew fatturi esterni fir-relazzjoni bejn il-partijiet, li setghu ma ghamluhiex facli ghall-partijiet sabiex jifformaw dik il-hajja mizzewga jew li jidhlu ghaz-zwieg b'mod matur u b'decizjoni libera taghhom. Fil-fatt jirrizulta illi ghal diversi snin wara li zzewgu il-partijiet hadmu flimkien tant illi kabru in-negozju li l-attrici kellha qabel iz-zwieg. Mhux biss talli dahlu ghall-pizijiet finanzjarji flimkien sabiex ottjenew facilitajiet bankarji. Sa hames snin wara li l-partijiet kienu zzewgu ma jidhirx li l-attrici kellha xi diffikulta' sabiex tmur f'ufficju governattiv u tiddikjara illi kienet ilha mizzewga mal-konvenut ghal diversi snin u li kienet taqbel li kellu jinghata c-cittadinanza Maltija. F'dawk is-snin, tenut kont li n-negozju tal-partijiet kien qed irendi sodisfacentement, il-partijiet kienu ftehmu illi jhallsu sabiex iben l-attrici jmur ghal diversi snin sabiex ikompli bl-istudji tieghu f'pajjiz esteru kif l-istess ghamlu fir-rigward ta' hut il-konvenut. Ma jirrizulta xejn li jindika remotament illi xi parti jew ohra

[23] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza **Simon Cusens v. Romina Cusens**, *supra*.

kienet aflitta minn xi patologija li ma kenitx ippermettiet volonta libera li jidhol ghaz-zwieg.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi lanqas gew riskontrati problemi bejn il-koppja wara z-zwieg hlief wara li kien ghadda certu zmien. Kif inhuwa risaput, decizjoni hazina jew ir-rejalizzazzjoni wara z-zwieg li l-koppja m'hijiex jew ma ghadhiex kompatibbli, wahedhom ma jistghux isarrfu fil-vizzju tal-kunsens matrimonjali kontemplat mill-Artikolu 19(1)(d). Il-fatt li l-attrici tghid li wara certu zmien il-konvenut biddel l-attegjament tieghu lejha ma jinkwadrax anzi huwa eskluz mill-parametri tan-nuqqas tad-*discretio judicii*. Kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna:-

"*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju."*

Lanqas huwa sufficjenti ghall-annullament taz-zwieg:-

"*… li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju*[24].

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici tissottometti b'mod sussidjarju illi fl-eventwalita' li l-konvenut ma jitqiesx li qarraq lill-esponenti b'mod intenzjonat, il-mod kif huwa gab ruhu waqt iz-zwieg jikkonferma li l-kunsens tieghu kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. Tissottometti inoltre illi l-mod kif gab ruhu jekk mhux premeditat, iwassal ghall-

[24] **Stellina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 1996.

konkluzzjoni alternattiva li f'dak il-kaz dan ma japprezzax x'inhu l-mod tajjeb li huwa kellu jgib ruhu lejn l-attrici u li ma setax jitrattaha b'mod li jinqeda biha u bil-finanzi bil-mod kif ghamel.

Tali sottomissjoni tal-attrici pero' bl-ebda mod ma tista' twassal ghas-sejbien li l-kunsens tal-konvenut kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga jew dwar id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. L-element patologiku li l-ligi tikkontempla fid-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju huwa karenti ghall-ahhar fil-kawza odjerna.

Fil-fehma tal-Qorti, dak li minnu tilmenta l-attrici fil-konfront tal-konvenut ma jwassalx ghall-prova li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, xi hadd mill-partijiet kien nieqes fil-kapacita` u l-volonta` mehtiega biex jidhol ghar-rabta taz-zwieg. Pjuttost bil-kontra. Il-fatt li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma rnexxiex ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni li kien hemm difett fil-kunsens matrimonjali taghhom. Kif inghad, l-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni:-

*"non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena".*[25]

[25] Pompedda – *Il Consenso Matrimoniale*, citat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, u fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006.

Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kellhom l-inkapacita` psikika li jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali li kienu dehlin ghalihom, jew li kellhom grad tant baxx ta' maturita` li rrendithom inkapaci li jaghrfu dawn l-obbligi. Lanqas ma huwa ppruvat li l-attrici jew il-konvenut kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat – ma jirrizulta lanqas hjiel ta' prova f'dan is-sens. Huwa rilevanti wkoll il-fatt li meta l-partijiet izzewwgu kellhom entrambi 'il fuq minn tletin (30) sena. Il-fatt illi sussegwentement iz-zwieg falla ma jistax, wahdu, iwassal ghall-konkluzjoni illi xi hadd mill-partijiet dahal fiz-zwieg minghajr ma fehem l-obbligi u doveri tal-hajja mizzewwga. Din l-allegazzjoni u allegazzjonijiet ohra maghmula mill-attrici fir-Rikors promotur u fix-xhieda taghha, fosthom l-allegazzjoni illi abbuza mill-finanzi tal-komunjoni huma fatturi li jista' jkollhom relevanza fi proceduri ta' separazzjoni personali imma ma jistghux jitqiesu bhala bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg.

F'kull kaz ma jirrizultax li dawn il-fatturi xekklu jew fixklu il-volonta` tal-konvenut li jaghti kunsens matrimonjali validu, u lanqas juru nuqqas ta' dixxerniment da parti tieghu dwar l-obbligi essenzjali taz-zwieg. L-atteggjament u l-komportament tieghu kif deskritti mill-attrici jiccentraw fuq il-hajja taghhom wara z-zwieg u ma jirrilevaw xejn ta' portata dwar il-komportament tieghu qabel iz-zwieg li jista' jwassal ghall-konkluzjoni li hu ma kellux il-grad ta' maturita` sufficjenti biex jaghti kunsens matrimonjali validu. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod anke fil-konfront tal-attrici.

In konkluzjoni issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Christine Ellul v. Brian Ellul** deciza mill- Prim'Awla fil-21 Ottubru 2002, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:-

*"Naturalment wiehed jasal biex jissimpatizza mal-qaghda taghhom illi z-zwieg ma rnexxiex kif forsi xtaqu huma. Dan pero` ma jinducix ghar-rizultat illi gie provat konkluzivament u b'mod moralment konvincenti illi l-kontendenti ma ghamlux l-ghazliet taghhom volutament u b'mod liberu ezenti minn pressjonijiet. Jekk l-ghazla singolari jew kongunta taghhom kienet zbaljata dan*

*m'ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. ... Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh."*

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw perfettament ghall-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddeciedi illi t-talba attrici imsejsa fuq l-Artikolu 19 sub-inciz (1) (d) tal-Kap. 255 hija infondata u ghalhekk qed tigi respinta.

## Nullita taht l-Artikolu 19(1)(f)

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1)(f), il-fatt illi kif gia` appena deciz, il-partijiet ma kienux neqsin mid-*discretio judicii* sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. F'dan l-ipotesi fejn in-nullita` taz-zwieg abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) giet eskluza, huwa possibbli li tigi ravvizata n-nullita` abbazi tal-Artikolu 19(1)(f) cioe` l-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg da parti ta' xi hadd mill-partijiet. Dan jinghad ghaliex, naturalment, sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[26]:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[27] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

[26] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 28 ta' April 2002.
[27] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002.

Skont kif ritenut fis-sentenza **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[28], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg[29]. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[30]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**[31], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-*

[28] 104/2010, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2014, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 2016.
[29] Tezisti gurisprudenza ampja in materja, fosthom is-sentenzi **Galea vs Walshi** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Marzu 1995); **Muscat vs Borg Grech** (Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awissu 1995); **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Qorti ta' l-Appell – 27 ta' Jannar 2006).
[30] Deciza 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.
[31] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju 1994.

*dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[32]. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[33] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**[34].

Ikkunsidrat;

L-attrici fil-kawza odjerna qed issostni illi l-konvenut sa minn qabel ic-cerimonja tat-tieg tal-partijiet kien qed jikkonsidra ic-cerimonja tat-tieg mal-attrici unikament bhala l-mezz kif jottjeni l-permessi mill-awtoritajiet kompetenti Maltin sabiex jibqa' jirrisjedi hawn Malta. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici tissottometti illi l-konvenut izzewweg lill-attrici ".... sabiex huwa ....ikun jista' jibqa' jghix Malta u oltre minn hekk kellu wkoll l-'incentiv' ulterjuri li permezz ta' l-istess zwieg kien ser ikun jista' jibbenefika mill-finanzi ta' l-esponenti kemm ghalih innifsu kif ukoll ghall-familjari tiehgu, inkluzi il-finanzi li kienu jigu ggenrati mill-operat tal-hwienet li kienu qed jigu ggestigi matul iz-zwieg u li l-konvenut uza ghall-iskopijiet ulterjuri tieghu ..."

L-attrici taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta numru 94/14RGM fl-ismijiet "**Zunilda Zorilla vs Artis Slosberg"** deciza fit-28 ta' April 2016 fejn gie deciz illi l-kunsens tal-attrici kien simulat peress li kienet izzewget lill-konvenut unikament sabiex tottjeni l-permess li tibqa' tirrisjedi hawn Malta. Il-fatti specie ta' dak il-kaz citat mill-attrici pero' huma totalment differenti minn dawk tal-kaz odjern. F'dik il-kawza kienet l-istess attrici li ammettiet li kienet izzewget lill-konvenut, xi tnax-il sena izghar minnha, sabiex tottjeni l-permess tar-residenza gewwa Malta. Inoltre f'dak il-kaz mill-bidunett taz-zwieg ma kien hemm l-ebda hajja matrimonjali jew komunitarja

[32] Citata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 237/14.
[33] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' Jannar 1991.
[34] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9 ta' Orrubru 1990.

Ghall-kuntrarju, fil-kawza odjerna l-partijiet ghamlu snin jghixu flimkien tant illi flimkien kabru in-negozju relattivament zghir li kellha l-attrici qabel izzewget u sahansitra fethu flimkien hanut iehor u isselfu somom mhux zghar sabiex ikabru in-negozju flimkien. Flimkien iddecidew illi iben l-attrici jintbghat jistudja fl-esteru ghal numru ta' snin u li tali spiza tigi finanzjata minnhom it-tnejn kif ukoll flimkien iddecidew illi jiffinanzjaw lil hut il-konvenut fl-edukazzjoni taghhom Sa madwar sitt snin wara li zzewgu id-diffikultajiet li kien ikollhom il-partijiet kienu fil-fehma tal-Qorti diffikultajiet ta' bejn koppja mizzewga tant illi l-attrici marret mal-konvenut sabiex japplika ghac-cittadinanza Maltija. Ma hux verosimili illi ghal madwar sitt snin il-konvenut baqa' jirrexta. Mhux eskluz illi wiehed mill-fatturi illi kienu immotivaw lill-konvenut li jigi Malta kien mhux biss sabiex jibni relazzjoni mal-attrici izda wkoll sabiex ifittex hajja ahjar f'pajjiz esteru izda dan wahdu ma jwassalx ghall-konkluzzjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien simulat u li kien a priori eskluda iz-zwieg tieghu mal-attrici jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Lanqas id-decizjoni tal-partijiet li ma jkollhmx tfal minn dan iz-zwieg ma tikwalifika bhala eskluzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 19(1)(f). Fil-fehma tal-Qorti il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg civili. Jigi sottolineat illi hawn si tratta ta' zwieg civili u ghalhekk l-elementi taz-zwieg civili johorgu mill-Ligi Civili u mhux minn fonti ohra. Il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex element essenzjali tal-hajja mizzewga. Kienet tkun sitwazzjoni differenti kieku xi hadd mill-partijiet eskluda id-dritt tal-att taz-zwieg lill-parti l-ohra. Kienet tkun sitwazzjoni kompletament differenti kieku xi hadd mill-partijiet, ad insaputa tal-parti l-ohra li kellha aspettativa tal-ulied miz-zwieg, eskludiet a priori li jkollhom ulied. Dan ma kienx il-kaz fil-kawza odjerna. Fl-ordinament guridiku civili nostran mhux provdut ghall-validita' tal-kunsens matrimonjali illi l-att taz-zwieg ikun miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied. Una volta hadd mill-partijiet ma inganna lill-parti l-ohra f'dan ir-rigward, ma jistax jinghad li jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 19 (1) (f).

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Onor. Robert G. Mangion** **Lydia Ellul**

**Imhallef** **Deputat Registratur**